



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Novembru 2010 (13.12)
(OR. en)**

16822/10

PUBLIC 77

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL SETTEMBRU 2010

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

- ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2010.¹²
- ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispejgazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

¹ Bl-eċċesjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar il-baġit, eċċ

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (<http://consilium.europa.eu/>) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: <http://consilium.europa.eu/>, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Minuti tal-Kunsill").

LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL**F'SETTEMBRU 2010****It-3030 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fis-7 ta' Settembru 2010**

2010/484/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska
ĠU L 240, 11.9.2010, p. 5-5

2010/486/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2010/320/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħa u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tal-iżbilanċ meqjusa bħala meħtieġa biex tisewwa l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv
ĠU L 241, 14.9.2009, p. 12-14

It-3032 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-13 ta' Settembru 2010

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 250, 17.9.2010, p. 9-9

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 250, 17.9.2010, p. 10-10

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 250, 17.9.2010, p. 8-8

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 250, 17.9.2010, p. 11-11

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
10753/3/10 REV 3

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali
11038/2/10 REV 2

Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011 sa 2013) Test b'rilevanza għaż-ŻEE
ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1-10

Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11-21

Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv Test b'relevanza għaż-ŻEE
ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22-32

2010/594/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 li temenda l-lista tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill
ĠU L 263, 6.10.2010, p. 12-12

Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva
ĠU L 259, 1.10.2010, p. 10-18

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija
13105/10

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 806/2010 tat-13 ta' Settembru li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006 fir-rigward tal-ġoti ta' eżenzjoni mill-miżuri imposti taħt dawk ir-Regolamenti lil esportatur Iżraeljan wieħed ta' film tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġina mill-Indja u li jtemm ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mingħand dak l-esportatur
ĠU L 242, 15.9.2010, p. 6-8

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 805/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, manifatturati minn Foshan Shunde Yongjian Housewares and Hardware Co. Ltd., Foshan
ĠU L 242, 15.9.2010, p. 1-5

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-Svizżera stabbilit fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizżera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteciġipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizżera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007, rigward id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li taġġorna l-Artikolu 1 tal-Anness I għall-Ftehim
8341/10

2010/559/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data li jikkonċerna Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fil-Finlandja
ĠU L 245, 17.9.2010, p. 34-34

2010/631/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010 rigward il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran
ĠU L 279, 23.10.2010, p. 1-2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar azzjoni kontra l-kanċer
12667/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Konferenza dwar tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-pandemija A(H1N1)

12665/10 + COR 1 (de) + REV 1 (hu)

Proċedura bil-miktub konklużi fil-21 ta' Settembru 2009

Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/565/PESK tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)
ĠU L 248, 22.9.2010, p. 59-63

Proċedura bil-miktub konklużi fit-23 ta' Settembru 2010

Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/576/PESK tat- 23 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)
ĠU L 254, 29.9.2010, p. 33-39

It-3033 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fis-27 ta' Settembru 2010

Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea li għandha tittieħed fil-ħmistax-il Konferenza Annwali tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali (laqgħa virtwali, 20 ta' Settembru-1 ta' Ottubru 2010)
13662/10

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn id-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp tas-salvagwardji u s-sigurtà tal-materjal nukleari
10872/10 + REV 1 (de)

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)
12795/10

Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)

13187/10 + COR 1 (cs)

2010/580/UE:: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi biex japplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud
ĠU L 256, 30.9.2010, p. 22-23

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 857/2010 tas-27 ta' Settembru 2010 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda
ĠU L 254, 29.9.2010, p. 10-28

Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 855/2010 tas- 27 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1631/2005 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' aċidu trichloroisocyanuric li joriġina, inter alia , mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
ĠU L 254, 29.9.2010, p. 1-4

Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 856/2010 tas- 27 ta' Settembru 2010 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tar-Regolament (KE) Nru 661/2008 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' nitrato tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja
ĠU L 254, 29.9.2010, p. 5-9

2010/669/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendament tal-Anness IV tal-Ftehim billi jiġu inkorporati l-impenji tal-Commonwealth tal-Bahamas
ĠU L 295, 12.11.2010, p. 51-90

2010/588/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Settembru 2010 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tan-Niġer skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE
ĠU L 260, 2.10.2010, p. 6-9

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-abbozz rivedut ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-Attivitajiet imwettqa fl-Ispazju Extra-Atmosferiku
14455/10

Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva
ĠU L 259, 1.10.2010, p. 10-18

2010/581/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 256, 30.9.2010, p. 24-25

2010/579/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu biex japplikaw miżura b'deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 256, 30.9.2010, p. 20-21

2010/582/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika ta' Franza u lir-Repubblika Taljana biex jintroduċu miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 256, 30.9.2010, p. 26-26

2010/583/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 256, 30.9.2010, p. 27-28

2010/584/UE: Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 256, 30.9.2010, p. 29-29

2010/589/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li temenda u testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/641/KE dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp ĠU L 260, 2.10.2010, p. 10-15

Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/573/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova ĠU L 253, 28.9.2010, p. 54-57

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Ħalib
13570/10

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATIVI SETTEMBRU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
It-3032 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-13 ta' Settembru 2010 Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill Abbozz ta' dikjarazzjoni dwar l-ABE Nru 3/2010 Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mill-iktar fis possibbli riallokazzjonijiet addizzjonali taħt l-intestatura 4 għall-finanzjament tal-bqija tal-EUR 18,3 miljun għall-Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana. Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill Abbozz ta' dikjarazzjoni dwar l-ABE Nru 6/2010 L-istabbiliment tas-SEAE għandu jkun iggwidat mill-prinċipju tal-kosteffiċjenza li jimmira lejn in-newtralità baġitarja. Għal dan l-għan, ser ikollhom jintużaw arranġamenti transizzjonali u l-bini gradwali tal-kapaċitajiet. Għandha tiġi evitata d-duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-kompiti, il-funzjonijiet u r-riżorsi ma' strutturi oħra. Għandhom jintużaw l-opportunitajiet kollha għar-razzjonalizzazzjoni. Sabiex tkun żgurata l-preżenza adatta ta' persunal li ġej mill-Istati Membri fis-SEAE, flimkien ma' postijiet tax-xogħol eżistenti li jkunu ġejjin mill-Kummissjoni u s-SĠK, jistgħu jsiru disponibbli postijiet tax-xogħol permezz tat-trasformazzjoni ta' postijiet tax-xogħol temporanji fil-Kummissjoni u fis-Segretarjat tal-Kunsill kif ukoll billi jimtlew il-postijiet tax-xogħol li jsiru vakanti b'riżultat tal-irtirar u b'mezzi oħra. Barra minn hekk, ser ikun meħtieġ numru limitat ta' postijiet tax-xogħol addizzjonali għal aġenti temporanji tal-Istati Membri li ser ikollhom jiġi ffinanzjati fil-qafas tal-perspettivi finanzjarji attwali.	ABE Nru 3/2010 8434/10	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
	ABE Nru 5/2010 11208/10	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
	ABE Nru 6/2010 11251/10	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: astensjoni: AT, RO

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, biex fil-proċeduri baġitarji annwali li ġejjin, jippreżentaw proposti baġitarji li huma allinjati ma' dan l-oġettiv.			
Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 - pożizzjoni tal-Kunsill	ABE Nru 7/2010 112119/10	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	10753/3/10 REV 3 + REV3 ADD1	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: kontra: BG, PL:
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar regolamentazzjoni aħjar Il-Kummissjoni tappoġġa, fi spirtu ta' kompromess, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-kostruzzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li din il-proposta tiffirma parti mill-istrateġija ta' simplifikazzjoni tagħha, u għalhekk jiddispjaċiha li t-test maqbul finalment mill-Kunsill, b'mod partikolari l-Artikoli 3 sa 7, jista' jimponi piżijiet amministrattivi u ta' ttestjar mhux meħtieġa fuq l-intrapriżi kif ivvalutat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta oriġinali. Għalhekk, ma jkunx konformi mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u l-oġettiv wiesa' biex jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mil-leġislazzjoni tal-UE, approvati mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' Marzu 2007. Il-Kummissjoni biħsiebha tissorvelja b'mod partikolari dan l-aspett tar-Regolament u ser tinkludi l-konklużjonijiet tagħha fir-rapport li ser tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.			
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sorveljanza tas-suq Il-Kummissjoni tqis li fid-dawl tal-Premessa 37 u f'konformità mal-ispirtu tal-Artikolu 6(3) u tal-Artikolu 8(4), l-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jieħdu l-miżuri meħtieġa għal prodott li jitpoġġa, jew jitqiegħed għad-dispożizzjoni, fis-suq tagħhom, jekk id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni ma jkunx fiha l-prestazzjoni relatata mal-karatteristiċi essenzjali li għalihom hemm ir-rekwiżiti għal dak il-prodott u l-użu jew l-użi intenzjonati u ddikjarati teigħu, jew jekk il-prestazzjonijiet iddikjarati ma jikkorrispondux ma' dawk ir-rekwiżiti, fl-istess Stat Membru, jew partijiet mit-territorju tiegħu. Il-miżuri jeħtieġ li jkunu proporzjonati mar-riskji involuti u m'għandhomx iwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq intern.			
Dikjarazzjoni Konġunta minn Franza, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Portugall Franza, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Portugall jassoċjaw ruħhom mal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari wara sentejn ta' diskussjoni fi ħdan il-Kunsill.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Madankollu, huma jenfasizzaw li l-listi attwali tal-atti ddelegati u implimentattivi, u b'mod partikolari l-atti ddelegati msemmijin fl-Artikolu 60(a), (b), (f), (g) u (h), jistħoqqilhom rieżami fit-tieni qari flimkien mal-Parlament Ewropew. Dikjarazzjoni Konġunta mill-Isvezja u l-Awstrija dwar sustanzi perikolużi F'konformità mal-Premessa 24 huwa importanti li tkompli titjeb l-informazzjoni għall-utenti dwar kontenut possibbli ta' sustanzi perikolużi fi prodotti tal-kostruzzjoni. Dan huwa ta' importanza partikolari peress li l-biċċa l-kbira tal-prodotti tal-kostruzzjoni huma meqjusa bħala "oġġetti" għall-finijiet tar-Regolament 1907/2006 (REACH), u għalhekk huma soġġetti għal rekwiżiti tal-informazzjoni limitati ħafna taħt dan ir-Regolament. Għalhekk, sabiex jitjiebu l-possibbiltajiet għal kostruzzjoni sostenibbli, biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' prodotti ekoloġiċi u biex tinkiseb il-mira tal-Unjoni għar-riċiklaġġ tal-prodotti tal-kostruzzjoni, fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka Il-Polonja ma tappoġġax il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-kostruzzjoni. Konsegwentement, mill-bidu nett, il-Polonja appoġġat l-oġġezzjonijiet tagħha dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(1) ta' din il-Proposta. Ir-raġuni għal tali pożizzjoni mill-Polonja huwa l-fatt li l-Artikolu 4(1) <i>de facto</i> jintroduċi, fin-nuqqas ta' definizzjoni għal 'prodott kopert minn standard armonizzat', użu mandatarju ta' standard armonizzat Ewropew. Dan mhux konsistenti <i>inter alia</i> mad-Direttiva 98/34/KE. Barra minn hekk, it-tfassil volontarju ta' dikjarazzjoni tal-prestazzjoni (DoP) mill-manifattur, skont l-Artikolu 4a, jirreferi biss għal grupp żgħir ta' prodotti għall-kostruzzjoni speċifiċi. Il-Polonja, matul il-perijodu kollu tal-konsultazzjonijiet imwettqin fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma kienet favur tat-tfassil volontarju ta' dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, u proposta ta' compromess reċenti mill-Polonja dwar l-Artikolu 4(1a) pprevediet t-tfassil mandatarju ta' dikjarazzjoni biss f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri jeħtieġu dan. Sfortunatament, din il-proposta ma ġietx aċċettata mill-Presidenza. Il-Polonja tenfasizza l-fatt li l-Artikolu 4(1) propost mill-Presidenza jista' jkollu influwenza fuq il-proċess ta' segmentazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-kostruzzjoni fl-Unjoni Ewropea u jista' jikkawża żieda fil-prezzijiet tal-prodotti għall-kostruzzjoni fis-suq Ewropew. Fl-istess ħin, il-Polonja tixtieq tesprimi l-apprezzament tagħha għall-isforz enormi li sar mill-Presidenza dwar din il-Proposta.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża Matul in-negozjati dwar ir-Regolament dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni, il-Finlandja kienet imħassba dwar il-konsegwenzi għall-mikrointrapriżi u l-piż finanzjarju u amministrattiv mhux meħtieġ li żdidilhom. Huwa problematiku li jkun hemm marka KE mandatorja fiċ-ċirkostanzi fejn ma hemmx parametri nazzjonali relatati mar-rekwiżiti bażiċi tax-xogħol fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq u għalhekk ma hemmx ostakoli għall-kummerċ. Dik is-sitwazzjoni aktarx li toħloq spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa u speċjalment spejjeż għall-mikro-intrapriżi. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Finlandja tqis li l-pożizzjoni komuni mhix kompletament konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. Il-linja gwida "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" setgħet ġiet segwita aħjar fil-pożizzjoni komuni.			
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali	11038/2/10 REV 2 + REV 2 ADD 1	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: kontra: PL, SK, PT astensjoni: RO
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea Fi spirtu ta' kompromess, il-Kummissjoni mhix ser tmur kontra vot b'maġġoranza kwalifikata favur il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għalkemm kien ikun ta' benefiċċju kieku kien hemm aktar ċarezza. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema għal awtorizzazzjoni minn qabel għandu jkun iddefinit u ġġustifikat tajjeb. Il-Kummissjoni tinsab konvinta dwar il-hteġa li jkun żgurat li l-pazjenti li jfittxu kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif konfermat mill-Qorti fil-ġurisprudenza deċiża tagħha u mingħajr ma jiddgħajfu d-drittijiet mogħtija skont ir-Regolament (KE) 883/2004. Il-Kummissjoni pproponiet il-miżuri li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-pazjenti jibbenefikaw miċ-ċertezza legali meta jeżerċitaw dawk id-drittijiet filwaqt li jirrispettaw is-setgħa tal-Istati Membri biex jorganizzaw u jipprovdu l-kura tas-saħħa. Il-Kummissjoni tfakkar li l-kondizzjonijiet għall-aċċess u l-eżerċizzju tal-professjonijiet dwar is-saħħa ġew armonizzati mid-Direttiva dwar il-kwalifiki professjonali. Fir-rigward tas-Saħħa elettronika, il-Kummissjoni tikkunsidra li hu meħtieġ li jsir kontribut fil-livell tal-Unjoni għall-ħolqien tal-kondizzjonijiet biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u s-sikurezza tal-pazjent billi tippermetti l-użu ta' informazzjoni medika b'mod transkonfinali, bl-ogħla livell ta' sigurtà u protezzjoni ta' data personali. Peress li l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew rigward l-awtorizzazzjoni minn qabel u s-Saħħa elettronika hija aktar favorevoli għall-pazjent, eqreb għall-proposta tal-Kummissjoni u għall-interpretazzjoni tagħha tal-ġurisprudenza eżistenti, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tappoġġa l-emendi tal-Parlament Ewropew dwar dawn il-kwistjonijiet matul it-tieni qari u ser tibqa' tikkollabora mill-qrib maż-żewġ istituzzjonijiet bil-għan li jkompli jittejjeb it-test.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni konġunta mill-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja Il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja jiddispjaċihom li d-Direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali ma tagħtix garanzija suffiċjenti għal livell għoli ta' kwalità u sikurezza lill-pazjenti li jixtiequ jagħmlu użu minn kura tas-saħħa transkonfinali u ma tirrispettax għalkollox ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni u l-ippjanar tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka L-Awstrija tilqa' bil-ħeġġa l-fatt li l-kwistjoni tal-iffissar tal-prezzijiet mill-fornituri tal-kura tas-saħħa ġiet inkluża fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva. Madankollu, biex titjieb iċ-ċertezza legali, l-Awstrija tqis li din teħtieġ aktar kjarifika, jekk mhux fid-dispożizzjonijiet operattivi għall-inqas fil-premessi tad-Direttiva. Fir-rigward tal-ewwel sentenza tal-paragrafu (3) u l-paragrafu (4) tal-Artikolu 4 l-Awstrija tassumi li f'każ ta' kura fi sptar jew kura outpatient, il-fornituri tal-kura tas-saħħa jistgħu jikkalkulaw l-ispiża relatata mal-eżami u l-kura abbażi ta' dik li tkun dovuta fis-sistema tal-kura tas-saħħa tal-Istat Membru għal pazjenti lokali għal kura simili, u li l-fornituri tal-kura tas-saħħa jistgħu jitolbu pagament minn qabel għall-ispejjeż minn pazjenti minn Stat Membru ieħor. L-Awstrija għal issa ffriżat it-talba tagħha sabiex ma tostakolax il-proċess, iżda tirriżerva d-dritt li terġa' lura għal din il-kwistjoni meta jkun hemm aktar diskussjonijiet f'dan ir-rigward. Stqarrija mid-delegazzjoni Taljana Għalkemm jidhrilha li t-test ta' compromess ma jassigurax livell proporzjonarti ta' kwalità u sikurezza fir-rigward tal-akkreditazzjoni, l-Italja tista' tappoġġa t-test propost b'żewġ kondizzjonijiet: • li l-Kummissjoni tibda immedjatament bil-ħidma biex tiddefinixxi l-istandards u l-linji gwida previsti fl-Artikolu 8 (5)(e); • li matul il-fażi ta' koleġislazzjoni mal-Parlament Ewropew, tiġi appoġġata l-pożizzjoni favur l-armonizzazzjoni f'termini ta' kwalità superjuri tal-moviment liberu tal-pazjenti.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011 sa 2013) Test b'rilevanza għaż-ŻEE	PE-CONS 22/10	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill Il-Kummissjoni ser theggi l-fażi tal-utilizzazzjoni tal-GMES u ser tipproponi, fi żmien debitu, arranġamenti għall-qafas programmatiku, finanzjarju u ta' governanza tal-GMES kemm għall-GMES kollu kemm hu kif ukoll għall-komponenti individwali tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ir-"Regolament"), fil-kuntest tad-definizzjoni tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-UE li jmiss. F'dan il-kuntest, il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħrfu l-fatt li l-governanza tal-programm tal-GMES għandha titqies b'mod sħiħ u tiġbor fiha l-istrutturi u l-proċeduri kollha meħtieġa, fosthom: ir-rabtiet bejn u r-responsabbiltajiet ta' kull wieħed mill-korpi u l-forums ta' appoġġ; il-mekkaniżmi li permezz tagħhom ser jinġabru, jiġu definiti u jiġu pprioritizzati r-rekwiżiti tas-servizz; il-proċeduri għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-servizzi u l-infrastruttura; il-politika ta' data u informazzjoni; il-politika ta' sigurtà; il-politika ta' proprjetà u l-proċeduri ta' ppjanar, għażla u akkwist għad-data dwar l-osservazzjoni tad-Dinja u d-data in situ. Il-Kummissjoni tfakkar fil-proposti rilevanti tagħha deskritti fil-qosor fil-Komunikazzjonijiet tagħha tal-2008 u l-2009 dwar il-GMES intitolati "Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u għas-Sigurtà (MGAS): Għal Qalbna Dinja iżjed Protetta"¹ u "Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): L-Isfidi u l-Passi li jmiss għall-Komponent Spazjali"² Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni ser tqis kif tlesti l-istruttura ġenerali ta' governanza, permezz tal-preżentazzjoni ta' proposta leġislattiva ġdida dwar il-programm tal-GMES lil hinn mill-operazzjonijiet inizjali tiegħu, matul l-2011.			

¹ COM(2008)748, 12.11.2008

² COM(2009)589, 28.10.2009

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	PE-CONS 24/1/10 REV 1	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kunsill, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Panel u Awtorità tad-Distribuzzjoni Kriptografika mill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà Sabiex il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jkun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu b'ħeffa u b'mod effettiv u biex tiġi żgurata kontinwità, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kif ukoll ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fuq il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tas-Sistemi tal-GNSS Ewropej ser jaġixxu sabiex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa, fl-ewwel laqgħa tal-Bord, skont dan li ġej: 1. Il-Panel imsemmi fl-Artikolu 11(11) tar-Regolament: - għandu jiġi stabbilita u għandhom jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tiegħu - għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni, kif ukoll minn rappreżentant mir-RGħ u rappreżentant mill-ESA, magħżula minn esperti rikonoxxuti tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà. Il-Panel għandu jiġi presedut minn membru tal-persunal tal-Aġenzija - peress li l-attivitajiet tal-Panel jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-akkreditazzjoni li diġà nbdew, ir-rappreżentanti mill-Istati Membri li diġà jkunu qed jaġixxu għal dan l-għan għall-Aġenzija fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom isiru membri tal-Panel, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Istati Membri li huma jirrappreżentaw. 2. L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kriptografika (CDA) imsemmija fl-Artikolu 11(11) tar-Regolament: - għandha tiġi stabbilita u għandhom jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tagħha; - għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u ż-żamma ta' rendikont ta' materjal kriptografiku tal-GNSS Ewropea, filwaqt li tiżgura li jiġu infurzati proċeduri adatti u jiġu stabbiliti mezzi għaż-żamma ta' rendikont, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni siguri tal-materjal kriptografiku kollu tal-GNSS Ewropea u tiżgura t-trasferiment tal-materjal kriptografiku tal-GNSS Ewropea lejn jew minn individwi jew servizzi li jużawh; - għandha tkun magħmula minn rappreżentanti rilevanti tal-Istati Membri u għandha tkun preseduta minn membru tal-persunal tal-Aġenzija			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
- fi ħdan is-CDA u taħt l-awtorità tagħha, għandha tiġi ddedikata Unità dwar il-Kodiċi Elettroniċi tar-Rotta (Flight Key Cell, FKC) għall-ġestjoni ta' kodiċi operattivi tar-rotot, u tiġi attivata għal kull kampanja ta' tnedija. L-FKC għandha tkun magħmula minn persunal tal-Aġenzija, rappreżentanti rilevanti tal-Istati Membri invouti direttament fil-ġestjoni tal-kodiċi tar-rotot u l-illanċjar, u osservaturi minn Stati Membri oħra. Dikjarazzjoni mill-Kunsill Il-Kunsill, waqt li jaċċetta n-nomina mill-PE ta' rappreżentant mingħajr dritt tal-vot fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, jissottolinja li din id-deċiżjoni ma toħloqx preċedent. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea Ħamsa mill-membri tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea ser ikunu rappreżentanti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tiddikjara li minħabba raġunijiet prattiċi evidenti, dawk il-ħames membri ġeneralment mhumie x ser ikunu kollha preżenti għall-laqgħat tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija. B'konsegwenza hija biħsiebha tistabbilixxi sistema permanenti ta' prokura li ser tippermetti li r-rappreżentant jew dawk ir-rappreżentanti li jkunu assenti fil-laqgħa tal-Bord Amministrattiv ikunu jistgħu jawtorizzaw lil dak jew dawk ir-rappreżentanti li jkunu preżenti biex jiehd u jpożizzjoni flokhom u f'isimhom, b'mod partikolari matul il-votazzjonijiet.			
Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv Test b'rilevanza għaż-ŻEE	PE-CONS 28/10 + REV 2 (se) + REV 3 (hu)	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: kontra: DK astensjoni: PL
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tenfasizza li l-punt ta' waqfa waħda (one-stop-shop) huwa korp konġunt stabbilit jew maħtur mill-bord tat-tmexxija ta' kull kuritur; il-funzjoni tiegħu huwa dak ta' għodda ta' koordinazzjoni. Huwa jista' jkun korp tekniku fi ħdan l-istruttura tal-ġestjoni ta' kuritur jew wieħed mill-amministraturi tal-infrastruttura involuti.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Isvezja L-Isvezja hija tal-fehma li huwa essenzjali li titjeb l-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija fuq distanza twila permezz tal-ferroviji. Għaldaqstant, l-Isvezja tappoġġa l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv. Madankollu, l-effiċjenza u l-oġettiv li tinżamm is-sikurezza ferrovjarja jeħtieġu li jkun hemm ċarezza fl-interpretazzjoni legali tal-Artikolu 13. L-Isvezja hija tal-fehma li l-implikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija li l-awtorità tal-funzjoni ta' koordinazzjoni OSS (one-stop-shop) li talloka l-kapaċità, tikkonċerna biss id-dritt li tidħol fi ftehim ma' impriża ferrovjarja jew applikant awtorizzat dwar it-trasferiment ta' passaġġ tal-ferrovija, meta l-OSS ikun għe kkummissjonat li jagħmel hekk mill-amministratur tal-infrastruttura li jkun ippjana l-passaġġ tal-ferrovija. Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Pollakka Il-Polonja tapprezza l-isforzi li saru mill-Presidenza Spanjola fir-rebbiegħa 2010 biex jinstab kompromess mal-Parlament Ewropew biex jinkiseb ftehim fit-tieni qari f'dak li jikkonċerna r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv. Il-Polonja tappoġġja l-għan ġenerali tar-Regolament, li jfisser kompetittività u effettività aħjar tat-trasport ferrovjarju ta' merkanzija fl-Unjoni Ewropea. Il-Polonja hija tal-fehma li - minkejja problemi li jistgħu jinqalgħu fl-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament - l-adozzjoni tiegħu ser tkun ta' għid għall-iżvilupp ta' din il-fergħa ta' trasport, il-Polonja tqis il-htiegali jinkiseb kompromess, u b'hekk tastjeni mill-vot u ma tivvutax kontra l-proġett tal-fajl leġislattiv. Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Daniża Id-Danimarka, għal raġunijiet ta' prinċipju, tivvota kontra l-proposta għaliex din tfisser li l-allokazzjoni ta' kapaċità ferrovjarja fuq kurituri ġodda għall-merkanzija ma tibqax deċizzjoni nazzjonali sovrana u li impriża li mhumieks kumpanniji ferrovjarji awtorizzati jkunu jistgħu jirriżervaw kapaċità ferrovjarja. Bil-possibbiltà ta' punt ta' waqfa waħda ser ikun possibbli li korp ta' governanza jirriżerva l-kapaċità, u dan jista' jkollu effett importanti fuq it-traffiku totali fin-netwerk.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
It-3030 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fis-7 ta' Settembru 2010 2010/484/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska 12157/10 2010/486/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2010/320/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tal-iżbilanċ meqjusa bħala meħtieġa biex tisewwa l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv 12938/1/10 REV 1 It-3032 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-13 ta' Settembru 2010 2010/594/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 li temenda l-lista tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill EUCO 19/10 + COR 1 (en) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva 8680/10 + COR 1 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi) + REV 1 COR 2 (fi)	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija 13105/10 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 806/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006 fir-rigward tal-ġoti ta' eżenzjoni mill-miżuri imposti taħt dawk ir-Regolamenti lil esportatur Iżraeljan wieħed ta' film tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li jorġina mill-Indja u li jtemm ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mingħand dak l-esportatur 12853/1/10 REV 1 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 805/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, manifatturati minn Foshan Shunde Yongjian Housewares and Hardware Co. Ltd., Foshan 12837/10 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-Svizzera stabbilit fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007, rigward id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tagħgħorna l-Artikolu 1 tal-Anness I għall-Ftehim 8341/10 2010/559/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010 dwar Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fil-Finlandja 12127/10 + COR 1 + REV 1 (mt) + REV 1 COR (mt)	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
2010/631/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010 rigward il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran 9132/10 + REV 1 (en) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar azzjoni kontra l-kanċer 12667/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Konferenza dwar Tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-pandemija A(H1N1) 12665/10 + COR 1 (de) + REV 1 (hu) Proċedura bil-miktub konklufa fil-21 ta' Settembru 2010 Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/565/PESK tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) 12855/10 Proċedura bil-miktub konklufa fit-23 ta' Settembru 2010 Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/576/PESK tat-23 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo). 12763/1/10 REV 1	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
It-3033 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fis-27 ta' Settembru 2010 Konklużjonijiet tal-Kunsill li jstabilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea li għandha tittieħed fil-ħmistax-il Konferenza Annwali tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali (laqgħa virtwali, 20 ta' Settembru-1 ta' Ottubru 2010) 13662/10 Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn id-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp tas-salvagwardji u s-sigurtà tal-materjal nukleari 10872/10 + REV 1 (de) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) 12795/10 Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) 13187/10 + COR 1 (cs)	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
2010/580/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi biex japplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 10327/10 + COR 1 (fi) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 857/2010 tas-27 ta' Settembru 2010 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda 13057/10 Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 855/2010 tas-27 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1631/2005 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' aċidu trichloroisocyanuric li joriġina, inter alia , mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 12986/2/10 REV 2 Regolament implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 856/2010 tas-27 ta' Settembru 2010 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tar-Regolament (KE) Nru 661/2008 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' nitrato tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja 12994/10 2010/669/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendament tal-Anness IV tal-Ftehim billi jiġu inkorporati l-impenji tal-Commonwealth tal-Bahamas 12433/10	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
2010/588/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tan-Niġer skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE 13280/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-abbozz rivedut ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-Attivitajiet imwettqa fl-Ispazju Extra-Atmosferiku 14455/10 Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva 8680/10 + COR 1 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi) + REV 1 COR 2 (fi) 2010/581/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 12570/10 2010/579/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu biex japplikaw miżura b'deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 9293/10 + COR 1 (fi) 2010/582/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika ta' Franza u lir-Repubblika Taljana biex jintroduċu miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 12571/10	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN SETTEMBRU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
2010/583/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 12572/10 + COR 1 (lt)	
2010/584/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 12573/10	
2010/589/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li temenda u testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/641/KE dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp 13283/10	
Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/573/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova. 13623/10	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Ħalib 13570/10	